MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 15/2009

**Charles Borg (I.D. 372070M)**

**vs**

**Dennis Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur li permezz tieghu l-attur talab il-hlas ta’ erba’ mitt Euro (€400.00), rapprezentanti self brevi manu moghti lilu mill-attur f’Lulju tas-sena 2008.

Minkejja l-konvenut gie interpellat ihallas diversi drabi, dan baqa’ inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Bl-imghaxijiet skont il-ligi u bl-ispejjez nkluzi ta’ l-ittra ufficjai numru 4593/2008.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u hawn hekk kif ser jipprova l-konvenut waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-azzjoni, hekk kif imressqa qabel il-waqt, u hija intempestiva u dan billi l-partijiet ma ftehmux terminu dwar meta ghandha tinghad lura xi somma flus.

Ghalhekk l-attur kellu l-ewwel imexxi halli jigi iffissat terminu li fih il-konvenut kien obbligat li jrodd lura s-self.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-Ligi.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema' u ra x-xhieda ta' Charles Borg u Demaris Mifsud.

Ra illi permezz ta' nota pprezentata mill-attur fil-11 ta' Gunju, 2009 s-sorte gie ridott ghal tlett mija u hamsin Euro (€350).

Ra illi permezz ta' nota, il-konvenut ammetta s-somma fit-talba kif ridotta ghas-somma ta' tlett mija u hamsin Euro (€350).

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsin Euro (€350) bl-ispejjez kif mitluba, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 4593/2008.
Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------